MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 3/2003/1

**Maria Rosa Mintoff, Rita Mintoff u Anthony Mintoff, lkoll bhala eredi tal-mejjet Joseph Mintoff**

**Vs**

**Avukat Generali u Annunziate sive Nancy, Frances, Reno sive Nazzareno, Grace u Mary Rose ahwa Grech u Gianna Vella armla ta' Francis Vella, Saviour Vella, Maria Attard u John Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2003, li in forza tieghu, wara li gie premess mir-rikorrenti illi *Annunziata sive Nancy Grech et* ipprezentaw Rikors Nru. 1/92 fil-Bord li jirregola l-Qbiela ghar-ripresa tal-pussess ta' art agrikola fl-*Ghasri* kontra *Joseph Mintoff,* liema kawza qed

tinstema' kontestwalment flimkien mar-Rikors Nru. 12/91 fl-ismijiet *"Annunziata sive Nancy Grech et vs. Anthony Mintoff".*

Illi b'sentenza tat-3 ta' Dicembru 1997 il-Bord cahad it-talba ghar-ripresa tal-pussess, bl-ispejjez kontra l-istess *Annunziata Grech et*, minn liema sentenza sar appell minnhom.

Illi fi stadju ta' appell, f'zewg seduti konsekuttivi gew ammessi u prodotti provi favur l-appellanti *Annunziata Grech et.*

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, wara li ammettiet tali provi favur l-appellanti, irrifjutat li tippermetti lill-esponenti jipproducu provi biex jirribattu l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta' appell favur l-appellanti.

Illi fit-12 ta' Novembru, 1998 gie pprezentat rikors fejn l-appellat talab li jigu ammessi tali provi minhabba l-principju ta' *"equality of arms"*, izda xorta wahda l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell rrifjutat l-ammissjoni ta' provi min naha ta' l-appellat.

Illi dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-principju ta' *"equality of arms"* u konsegwentement vjolazzjoni tal-principju ta' smigh xieraq skond l-art. 6 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi c-cahda *da parti* ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li tammetti provi intizi biex jirribattu l-provi ammessi eccezzjonalment fi stadju ta' appell favur l-appellanti tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-art. 6 ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 u ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tiddikjara li tali provi ghandhom jigu ammessi a bazi tal-principju ta' *"equality of arms".*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha espona illi:

L-provi li ngiebu mill-intimati l-ohrajn fl-appell mid-decizjoni li nghatat mill-Bord li jirregola l-Qbiela dwar ir-Rikors Nru. 1/92 gew mitluba mill-Qorti ta’ l-Appell stess, li ghalhekk kienet qed tezercita il-poteri moghtija lilha bil-ligi.

Ghalhekk din mhijiex sitwazzjoni fejn il-Qorti arbitrarjament laqghet it-talbiet ta’ naha u mhux ta’ ohra.

Ghaldaqstant ma jissussisti ebda ksur ta’ l-art. 6 ta’ l-ewwel skeda tal-Kap. 319 u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.

Rat li din il-kawza giet trattata kontestwalment mar-rikors kostituzzjonali numru 2/2003, fl-ismijiet *“Anthony Mintoff vs Avukat Generali et”*, u dana skond digriet ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Frar, 2003, moghti fl-atti tal-kawza b’rikors numru 2/2003;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza rikors numru 1/1992 fl-ismijiet *“Annunziata sive Nancy Grech et vs Joseph Mintoff”*, pendenti quddiem il-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li r-rikorrent odjern kien intimat f’kawza quddiem il-Bord li jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna, fejn *Annunziata sive Nancy Grech* talbet l-izgumbrament tieghu minn bicca ghalqa msejjha *“tal-Wilga fil-limiti tal-Ghasri, Ghawdex, tal-kejl superficjali ta’ circa 56.20 metri kwadri”.*

Il-Bord li jirregola l-Qbejjel kien cahad it-talba tar-rikorrenti b’decizjoni tat-3 ta’ Dicembru, 1997.

Ir-rikorrenti *Annunziata sive Nancy Grech* appellat minn dik id-decizjoni, u l-appell kien mismugh mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell gewwa Malta, liema Onorabbli Qorti kienet presjeduta minn gudikant wiehed skond il-ligi. Ir-rikorrenti odjern (intimat f'dawn il-proceduri) qed jilmenta bil-mod kif kien gie trattat quddiem dik l-Onorabbli Qorti, partikolarment qed jallega li t-trattament li kellu jissogetta ruhu ghalih jinvjola principju bazilari ta' gustizzja naturali, precisament il-principju *'audi alteram partem'.*

L-ilmenti tieghu jirriferu ghall-fatt illi:

(a) fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 1998, ma thallix jaghmel kontra-ezami tax-xhud *Giovanna Vella,* prodotta mill-Onorabbli Qorti, izda li sarulha domandi wkoll mir-rikorrenti;

(b) li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 1998, ma kellux l-opportunita' li jaghmel kontro-ezami shih tax-xhud *Saviour Vella*;

(c) li b'digriet tal-29 ta' Ottubru, 1998, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell cahdet talba tieghu biex jinghata l-possibilita' li jitressqu provi li jikkontradixxu dak li gie allegat miz-zewg xhieda imressqa mill-Onorabbli Qorti u mill-parti l-ohra.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza Rikors Kostituzzjonali numru 2/2003, u fil-fatt, il-meritu taz-zewg kawzi huwa identiku; iz-zewg kawzi mxew flimkien anke quddiem il-Bord li jirregola l-Qbejjel tal-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna u quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Il-lanjanzi tar-rikorrenti gew trattati u determinati minn din il-Qorti fil-kawza l-ohra li giet deciza illum stess, u *a skans* ta' ripetizzjoni, l-Qorti taghmel riferenza ghal argumentazzjoni taghha fil-kawza Rikors numru 2/2003, li ghandhom japplikaw ukoll ghall-fini ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------